MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 320/2004

**A B gja C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Awwissu 2003 kif jidher mic-certifikat li qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok. MC1;

Premess illi minn dan iz-zwieg twieled il-minuri E fil-31 ta' Jannar 2004 hekk kif jidher mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. MC2;

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar

possibli u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, konsistenti f’ eccessi, sevizzi, offizi gravi, inkompatibilita’ ta’ karattru, abbandun u adulterju da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici;

Premess illi d-dar matrimonjali hi proprjeta’ parafernali tal-attrici;

Premess illi l-partijiet gew debitament awtorizzati mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja sabiex jipprocedu bil-kawza ghas-separazzjoni stante li l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma gietx milhuqa;

Jghid il-konvenut ghaliex m’ ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut stante eccessi, sevizzi, offizi gravi, inkompatibilita’ ta’ karattru, abbandun u adulterju fil-konfront ta’ martu l-attrici.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri E esklussivament f’ idejn l-attrici u filwaqt li tiffissa access limitat lill-konvneut u dan taht supervizjoni.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas ghaliha u ghal fuq imsemmi tifel ir-retta alimentarja xierqa u adegwata.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha ta’ l-Artikolu 48 u 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut, filwaqt li jigu ddikjarati proprjeta’ unika ta’ l-attrici dawk l-oggetti mobbli u immobbli li huma parafernali taghha.

6. Tawtorizza lill-attrici tghix esklussivament fid-dar matrimonjali li hi parafernali taghha u tinsab f’ Silvia House Triq it-Tabib Paolo B Iklin flimkien mal-minuri E.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b' dan pero' li jigi dikjarat li z-zwieg tal-partijiet tkisser b' mod irrimedjabbli htija ta' l-attrici senjatament minhabba abbandun, sevizzi, minacci u ngurji gravi.

2. Illi l-eccipjenti jaqbel li l-kura u kustodja tal-minuri tal-kontendenti E ghandha tigi fdata f' idejn l-attrici, b' dan pero' li l-eccipjenti ghandu jinghata d-dritt ta' access ampju, hekk kif stabbilit minn din il-Qorti, versu l-istess minuri.

3. Illi l-eccipjenti jopponi li huwa ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment ghall-martu stante li hija tilfet id-dritt taghha ghall-manteniment meta abbandunat lill-esponenti. Inoltre l-attrici martu ghandha ntrojtu ndipendenti minn negozju taghha hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

4. L-eccipjenti jaqbel li l-komjoni tal-akkwisti ghandha tigi xjolta, likwidata u diviza, b' dan pero' li ghandhom jigu applikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fil-Ligi.

5. L-eccipjenti jaqbel li huwa m' ghandu l-ebda jedd fuq il-fond "Silvia House", Triq it-Tabib Paolo B, Iklin u fil-fatt ilu zmien twil li vvaka mill-istess.

Rat il-kontro talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab a fols.25 u 26 tal-process, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern biex tifforma parti integrali mill-istess [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, u li tinsab a fols.38 u 39 tal-process, u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern biex tifforma parti integrali mill-istess [Appendici B];

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Anna Mallia[1], kif ukoll id-diversi rapporti prezentati, fosthom ir-rapport ta’ l-Avukat tat-Tfal[2], dak tal-Psikologa Anne Marie Mangion[3] u tal-haddiema socjali Josephine Pace Caruana[4], minnhom debitament mahlufa;

Rat is-sentenza[5] moghtija minn din il-Qorti fid-9 ta’ Dicembru 2005 fl-istess ismijiet, li permezz taghha z-zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u kontro talba**
Illi permezz ta’ l-azzjoni u l-kontro talba, il-partijiet qedin jitolbu s-separazzjoni personali bejniethom ghar-ragunijiet imputabbli lil xulxin; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Illi l-partijiet izzewwgu fis-16 ta’ Awissu 2003 u sseparaw de facto ftit tax-xhur wara. Sadanittant, fil-31 ta’ Jannar 2004 twieled it-tifel E. Fid-9 ta’ Dicembru 2005 iz-zwieg gie dikjarat null permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi kif gustament osservat il-perit legali, il-kwistjoni principali f’ din il-kawza tikkoncerna l-modalita’ ta’ l-access, u senjatament l-estenzjoni tieghu, favur il-missier ghall-minuri.

[1] Vol.2 – fol.360 *et seq.*
[2] Vol.1 – fol.162 *et seq.*
[3] Ibid. – fol.387 *et seq.*
[4] Ibid. – fol.427 *et seq.*
[5] Ibid. – fol.487 *et seq.*

Illi l-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni taghha kontenuti fis-sezzjoni ntestata “Konsiderazzjonijiet – Dar Matrimonjali – Manteniment lill-Mara – Manteniment ghall-Minuri – Kura u Kustodja” a fols.367 sa 372 li qed jigu annessi mal-gudizzju odjern biex jifformaw parti ntegrali mill-istess [Appendici C] ; kif ukoll dak li jirrigwarda l-access tal-missier, salv ghall-modalita’ kif hawn that stabbilita minn din il-Qorti.

Illi konformament, il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ mija u sebgha u tmenin Ewro [€187] kull erba’ gimghat bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri; oltre nofs l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni, u l-spejjez straordinarji necessarji ghas-sahha tal-minuri, kontro d-debiti invoices jew ricevuti.

Illi l-kura u kustodja tal-minuri, li llum ghandu ’l fuq minn erba’ snin, tkun f’idejn l-attrici; izda decizjonijiet importanti relattivi ghall-edukazzjoni, inkluza l-ghazla ta’ l-iskola, u sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament bejniethom, jew bl-intervent tal-Qorti fil-kaz ta’ dizgwid bejn il-partijiet.

Illi rigward l-access tal-missier, il-Qorti tistabbilixxi s-segwenti modalita’, tenut kont ta’ l-interessi supremi tal-minuri, u l-bzonn tal-minuri li dan igawdi l-partecipazzjoni, kemm jista’ jkun attiva, taz-zewg genituri f’ hajtu:

Kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis: mill-4.00pm sas-6.00pm fix-xitwa, u mill-5.00pm sas-7.30pm fit-tlett xhur tas-sajf;

Kull nhar ta’ Sibt jew nhar ta’ Hadd, b’ mod alternat: nhar ta’ Sibt l-access ikun mis-2.00pm sas-6.00 pm fix-xitwa, u mit-3.00pm sat-8.00pm fis-sajf; filwaqt li nhar ta’ Hadd ikun mill-10.00 am sat-3.30 pm.

Kull Milied u l-Ewwel tas-Sena, b’ mod alternat: mill-10.00am sas-2.30 pm, u mit-3.00pm sas-7.3- pm

Kull birthday u Jum il-missier, l-access ikun mill-10.00am sat-3.00pm.

Illi l-minuri jingabar mil u jigi ritornat fir-residenza tieghu; u l-konvenut huwa ordnat li ma jesponix lill-minuri ghall-prezenza ta' hbieb tieghu tas-sess oppost; inoltre huwa ordnat li ma jiehux lill-minuri f' kazini; jew ghat-tigrijiet taz-zwiemel, almenu sakemm jghalaq l-ghaxar snin.

Illi l-Qorti qed taghmilha cara li l-ezercizju ta' dan l-access tal-missier, kif stabbilit minnha, mhuwiex fid-diskrezzjoni tal-minuri; b' mod li l-minuri ghandu jittiehed ghall-access, anke jekk ma jkollux aptit. Fl-istess hin il-Qorti tordna li ghall-ewwel sitt xhur l-access tal-missier ikun immonitorjat mill-haddiema socjali Josephine Pace Caruna, a spejjez tal-konvenut, li ghandha tirrapporta lil din il-Qorti b' nota jekk ikun hemm il-htiega.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni billi:

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba;

[2] tilqa' t-tieni talba limitatament kif fuq stabbilit;

[3] tilaq' t-tielet talba limitatament kif fuq stabbilit;

[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba;

[5] tilqa' il-hames talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-likwidazzjoni taghha kif stabbilit mill-perit legali fir-relazzjoni taghha;

[6] tilqa' s-sitt talba.

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba;

[2] tilqa' t-tieni talba limitatament kif fuq stabbilit;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;

[4] tilqa' ir-raba' talba kif fuq gja deciz;

[5] tilqa' il-hames talba.

Tordna li l-haddiema socjali fuq indikata tigi notifikata mill-attrici bl-inkariku taghha.

L-ispejjez taz-zewg azzjonijiet ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------